# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 2025

**Rikors Ġuramentat Nru.: 270/2021 MH**

**Numru: 6**

**Michael Debono Limited**
**vs**
**Jaguar Construction Limited u Emanuel Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tas-26 ta' Marzu 2021** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub -

*"Tesponi bir-rispett u Dianne Aquilina (ID 81794M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Michael Debono Limited, bil-ġurament taghha tikkonferma:*

1. *Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti, fl-ammont ta'* ***<u>erbgha u tletin elf, u tlieta u sittin euro u hmistax-il centezmu</u>*** *(€ 34,063.15) rapprezentanti in kwantu:*

i. *€5,542.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 7 sa 23 li huma skaduti u in kwantu ghal € 10,345.37 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu skond* **Dokument A** *u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 3 t'April 2019 dwar il-vettura tat-tip Toyota Ace bin-numru ta' registrazzjoni LDF-851* **Dokument B** *hawn anness.*

ii. *€ 6,945.78 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 6 sa 24 li huma skaduti u in kwantu ghal € 11,229.49 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu skond* **Dokument C** *u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 1 ta' Marzu 2019 il-vettura tat-tip Hino bin-numru ta' registrazzjoni ACO-895* **Dokument D** *hawn anness.*

iii. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

iv. *Illi għalkemm il-konvenuti gew interpellat sabiex jhallas l-imsemmi ammont, huwa baqa` inadempjenti u ma hallasx.*

v. *Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.*

vi. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, u tlieta u sittin euro u hmistax-il centezmu (€ 34,063.15) rapprezentanti in kwantu:*

i. *€5,542.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 7 sa 23 li huma skaduti u in kwantu għal € 10,345.37 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument A u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 3 t'April 2019 dwar il-vettura tat-tip Toyota Ace bin-numru ta' registrazzjoni LDF-851 Dokument B hawn anness.*

ii. *€ 6,945.78 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 6 sa 24 li huma skaduti u in kwantu għal € 11,229.49 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument C u dan wara skrittura ta' Hire Purchase datata 1 ta' Marzu 2019 il-vettura tat-tip Hino bin-numru ta' registrazzjoni ACO-895 Dokument D hawn anness.*

*Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment ma` dan ir-rikors guramentat, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma min issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat li wara smiegħ orali waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2023, il-konvenuti rnexxielhom jegħlbu s-smiegħ sommarju ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 u għalhekk ingħataw terminu ta' għoxrin jum biex jintavolaw ir-risposti tagħhom. **Għaldaqstant l-ewwel talba ser tiġi miċħuda.**

Rat **ir-risposta ġuramentata tar-Riċevitur Uffiċjali, l-avukat Ingrid Fenech fil-vesti tagħha ta' stralċjarja tal-kumpanija Jaguar Construction Limited tal-24 ta' Mejju 2023**[1] li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

[1] Fol 80

1. *"Illi l-kumpanija Jaguar Construction Ltd ġiet xjolta permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ tal-11 ta' Lulju 2022 b'effett mill-21 t'Ottubru 2020 u r-Riċevitur Uffiċjali nħatret bħala stralċjarja tal-imsemmija kumpanija;*

2. *Illi l-esponenti tirrileva li s-soċjeta' attriċi qed tallega kreditu dovut mill-kumpanija Jaguar Construction Ltd li jammonta għas-segwenti, kif spjegat f' affidavit tar-rapprezentanta tal-kumpanija attriċi Dianne Aquilina preżentat fl-atti tal-proċess;*

   i. *€5,542.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 7-23 u €10,345.37 f'kapital wara skrittura ta' Hire Purchase datata 3 t'April 2019 dwar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LDF-851; u*

   ii. *€6,945.78 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 6-24 u €l I ,229.49 fkapital wara skrittura ta' Hire Purchase datata 1-1 ta' Marzu 2019 dwar il-vettura binnumru ta' registrazzjoni ACO-895;*

3. *Illi l-iskrittura ta' Hire Purchase datata 3 t'April 2019 imsemmija hawn fuq u esebita fl-atti ta' dan il-proċess a fol. 42 u 43 hija ffirmata biss mill-kumpanija attriċi, iżda m 'hiex iffrmata minn Jaguar Construction Ltd;*

4. *Illi mill-atti ma rriżultax li teżisti din l-iskrittura iffirmata minn Jaguar Construction Ltd jew minn xi rappreżentant tagħha;*

5. *Illi ghaldaqstant l-esponenti umilment ma jidhrilhiex li l-kreditu attribwit fir-rigward tal-vettura LDF-851 huwa dejn ċert, likwidu u dovut u ghaldaqstant it-talbiet tal-kumpanija attriċi ghandhom jiġu ridotti ghal dawk relatati biss mal-iskrittura ta' Hire Purchase datata l-1 ta' Marzu 2019 dwar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACO-895 u dana stante li l-iskrittura ta' Hire Purchase datata 3 t'April 2019 dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LDF-851 m'hiex iffirmata mill-kumpanija Jaguar Construction Ltd jew mir-rappreżentanti taghha.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Emanuel Micallef tas-26 ta' Mejju 2022**[2] li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti f'dina l-kawza minghand l-Intimat-eccipjent abbazi tal-iskrittura privata datata tlieta (3) ta' April 2019 u ezebita bhala Dok "B" mar-rikors promotur, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha minn dina l-Qorti billi l-Intimat-eccipjent ma' ffirmax dina l-istess iskrittura privata, u qatt ma' obbliga ruhu personalment fi kwalunklwe kapacita' ghal hlas lura ta' dan l-ammont permezz ta' din l-istess iskrittura jew permezz ta' kawlunkwe skrittura ohra;*

2. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti f'dina l-kawza abbazi tal-iskrittura privata datata l-ewwel (1) ta' Marzu 2019 u ezebita bhala Dok "D" mar-rikors promotur, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha min dina l-Qorti peress illi l-Intimat-eccipjent qatt ma' kkostitwixxa lilu nnifsu bhala garanti solidali u qatt ma' kien intiz minnu li jkun hekk obbligat u fil-fatt huwa qatt ma' ffirma dina l-iskrittura privata fil-kapacita' personali tieghu bhala garanti solidali u ghalhekk qatt ma' obbliga ruhu personalment ghal hlas lura ta' dan l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti.*

3. *Illi l-ammont mitlub m'hux dovut mill-Intimat eccipjent u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fil-konfornt tieghu ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra taghha;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti f'dina l-kawza ghandu jigi ppruvat skont il-ligi.*

*Salv risposti ulterjuri skont il-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

[2] Fol 83

Rat il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta' rikorrenti qegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' €34,063 mingħand il-konvenuti rappreżentanti kapital u interessi fuq żewġ vetturi akkwistati minnhom b'hire purchase fis-sena 2019.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala infondati filfatt u fid-dritt.

Mill-atti jirriżulta li -

i. Ġiet ippreżentata skrittura mis-soċjeta' attriċi Michael Debono Ltd ("MDL") datata 1 ta' Marzu 2019[3] li fiha l-partijiet indikati kienu s-soċjeta' attriċi kif rappreżentata minn Diane Aquilina (bħala "the Company"), is-soċjeta' konvenuta Jaguar Construction Ltd ("JCL") kif rappreżentata mill-konvenut Emanuel Micallef awtorizżat għal dan il-għan minn riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' JCL (bħala "the Customer") u l-istess konvenut Emanuel Micallef (bħala "the Surety") inkluż l-indirizz personali tiegħu;

ii. L-għan ta' din l-iskrittura kien li MDL biegħet lis-soċjeta' konvenuta b'*hire purchase* vettura Toyota bid-dettalji tagħha kif hemm imniżżla. Il-prezz kien ta' €20,425.01 li minnhom tħallsu €3,000 bħala depożitu bil-bilanċ ta' ħlas ikun ta' €17,425.01 esklużi l-interessi. Il-ħlas bin-nifs kellu jsir fuq perjodu ta' 59 xahar;

iii. Fil-parti t'isfel tal-ftehim kien hemm spazju għal tlett firem: "Customer", "Surety (& Spouse)" u "for the Company". Jidhru żewġ firem, waħda għas-soċjeta' attriċi u l-oħra għas-soċjeta' kovenuta;

[3] Fol 13

iv. Ġiet preżentata skrittura minn MDL datata 3 t'April 2019[4] li fiha l-partijiet indikati kienu s-soċjeta' attriċi kif rappreżentata minn Diane Aquilina (bħala "the Company"), is-soċjeta' konvenuta JCL kif rappreżentata mill-konvenut Emanuel Micallef awtorizzat għal dan il-għan minn riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' JCL (bħala "the Customer") u l-istess konvenut Emanuel Micallef (bħala "the Surety");

v. L-għan ta' din l-iskrittura kien li s-soċjeta' attriċi biegħet lis-soċjeta' konvenuta b'*hire purchase* vettura Toyota bid-dettalji tagħha kif hemm imniżżla. Il-prezz kien ta' €18,382.01 li minnhom tħallsu €2,700 bħala depożitu bil-bilanċ ta' ħlas ikun ta' €15,682.00 esklużi l-interessi. Il-ħlas bin-nifs kellu jsir fuq perjodu ta' 59 xahar;

vi. Fil-parti t'isfel tal-ftehim kien hemm spazju għal tlett firem: "Customer", "Surety (& Spouse)" u "for the Company". L-unika firma li kien hemm fuq dan il-ftehim kienet dik għan-nom tas-soċjeta' attriċi;

vii. Fost it-termini u l-kundizzjonijiet, dawn iż-żewġ skritturi kienu jistipulaw li:

[4] Fol 9

> *"11. The Surety enters as joint and several surety in favour of the Company warranting the prompt fulfilment of the obligations undertaken by the Customer on this Contract."*

viii. Ġew ippreżentati affidavits tar-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi[5]. Minn din ix-xhieda rriżulta li l-ħlasijiet fuq dawn iż-żewġ vetturi waqfu wara biss ftit xhur bl-aħħar pagament ikun fl-14 t'Ottubru 2019 skont kif juru l-istatements of accounts esebiti in atti. Għalkemm saru d-debiti interpellazzjonijiet il-ħlas baqa' ma tkompliex. B'hekk iż-żewġ vetturi nġabru lura mis-soċjeta' attriċi bl-ispejjeż tal-magażżinaġġ esebiti a fol 96 tal-proċess;

ix. Il-ħlasijiet mitluba minn MDL huma għas-somma globali ta' €34,063.15 in kwantu għal -

- €5,542.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 7 sa 23[6] li huma skaduti u in kwantu ghal €10,345.37 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu ai termini tal-ftehim tat-3 t'April 2019 fuq il-vettura tat-tip Toyota Ace bin-numru ta' reġistrazzjoni LDF-851; u

[5] Affidavit ta' Diane Aquilina a fol 16 u affidavit ta' Isaac Debono a fol 90 et seq
[6] Fol 7 et seq

- €6,945.78 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 6 sa 24[7] li huma skaduti u in kwantu ghal €11,229.49 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu ai termini tal-ftehim tal-1 ta' Marzu 2019 fuq il-vettura tat-tip Hino bin-numru ta' registrazzjoni ACO-895;

x. Għal kull buon fini ġie ppreżentat in atti wkoll minn Emanuel Micallef skrittura datata 29 ta' Jannar 2019[8] għall-bejgħ tal-istess vettura li sussegwentement kienet tifforma parti mill-ftehim tat-3 t'April 2019. F'dik l-iskrittura kien hemm il-firem tar-rappreżentant ta' MDL u ta' Emanuel Micallef għan-nom ta' JCL. Ġew esebiti wkoll kopji ta' kambjala marbuta ma' dik l-iskrittura fejn fiha Emanuel Micallef ġie indikat li kien qed jidher għan-nom ta' Jaguar Construction Ltd;

xi. Xehed il-konvenut **Emanuel Micallef**[9] li spjega li hu kien irriżenja minn direttur u rappreżentant ġuridiku u legali ta' JCL b'effett mill-11 ta' Ġunju 2020[10]. Qal li fiż-żmien li huwa kien għadu direttur, JCL xtrat żewġ vetturi mingħand is-soċjeta' attriċi. Meta hu waqaf minn direttur, suppost kellu jieħu ħsieb ta' warajh imma ma' seħħ xejn minn dan u l-

[7] Fol 11 et seq
[8] Fol 99 et seq
[9] Fol 149 et seq
[10] Fol 141

vettura ġiet miġbura minn MDL għax ma baqgħux jitħallsu l-pagamenti bin-nifs. Huwa saħaq li d-dejn huwa tal-kumpanija u hu qatt ma ffirma biex jintrabat bħala garanti b'mod personali.

**Eċċezzjonijiet preliminari**

Fl-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel Micallef ġie sollevat l-argument li minkejja li ismu jinsab imniżżel fl-iskritturi tat-3 t'April 2019 u tal-1 ta' Marzu 2019 huwa qatt ma ffirma f'ismu personali bħala garanti.

Issir referenza għall-**artikolu 1925 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk -

*"Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."*

Imbagħad l-**artikolu 1929 tal-Att** ikompli hekk -

*"Il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; u ma tistax tinħareġ barra mil-limiti li fihom tkun ġiet ikkuntrattata."*

Ingħad hekk in materja mill-Qorti tal-Appell fil-każ **Miksons Transport Company Limited et vs Anthony Stivala et deċiża fil-15 ta' Novembru 2023-**

*14. "Illi din il-Qorti kkonsidrat dak li kompliet tgħid l-Ewwel Qorti u tikkondividi dak meqjus minnha:*

*"Fi kwalunkwe każ ma kien hemm ebda garanzija stante li la kien hemm att pubbliku u lanqas ma kien hemm skrittura privata ffirmata mill partijiet f'dan is-sens. Fil-kawża fl-ismijiet Gerald Vella et vs. Av. Dottor Joseph Cassar et noe (19 24.04.1967.), il-Qorti kienet qalet hekk:*

*"Dik li skont l-artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili hi deskritta bħala "kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditu li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.*

*" L-artikolu 1233 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:*

*"Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taħt piena ta' nullità: (ċ) il garanziji." Di più l-artikolu 1929 tal-Kap. 16 jistipula li "il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa."*

*"L-ewwel rekwiżit ta' skrittura privata u dak l-aktar ovvju skont il-liġi tagħna, hu l-firma ta' kull waħda mill-partijiet għall-konvenzjoni stipulata biha."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti ma tistax tirriskontra volonta' espressa ta' Emanuel Micallef sabiex ikun garanti tas-soċjeta' konvenuta fix-xiri tal-vetturi in kwistjoni.

Ir-rwol ta' rappreżentant ta' kumpanija u dak ta' garanti ma jistgħux preżunti li jissostitwixxu lil xulxin *(interchangeable)* kif donnha qed tippretendi s-soċjeta' attriċi. Il-fatt waħdu li l-konvenut Micallef ġie mniżżel fl-iskritturi tal-1 ta' Marzu 2019 u anke tat-3 t'April 2019 kemm bħala rappreżentant u anke bħala garanti ma jfissirx li awtomatikament li kien ser jieħu fuq spalltu r-responsabilta' tal-garanzija meta huwa pależi li qatt ma ffirma fejn hemm l-intestatura *'surety'* fiż-żewġ skritturi.

Is-soċjeta' attriċi stess inkludiet spazju fiż-żewġ skritturi sabiex isiru firem separati kemm bħala garanti u anke ghall-kumpanija. Dan m'għamlitux għalxejn.

Huwa minnu li fid-diċitura tal-iskrittura Emanuel Micallef huwa indikat f'żewġ vesti imma biex jirriżulta li huwa kien qed jagħti l-kunsens tiegħu għat-tnejn li huma, ried ikun hemm il-firma tiegħu kemm bħala rappreżentant ta' JCL u anke firma oħra qua garanti fl-ispazju provdut għalihom fl-istess ftehim.

Ma tressqux provi oħra li jikkonvinċu lill-Qorti mod ieħor eż kambjala jew ammissjoni tal-konvenut. Anzi, r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi stess Isaac Debono xehed hekk b'rabta mal-kuntratt tat-3 t'April 2019[11]-

[11] Fol 144

> *"Avukat: issa, jekk ngħidlek li Emanuel Micallef effettivament ma iffirmax dak il-kuntratt bħala assurity, jekk tara il-firem fl-aħħar. Naqblu li ma iffirmax bħala assurity? U iffirma biss għan-nom tal-kumpanija*
>
> *Xhud: iva iffirma bħala customer*
>
> *Qorti: sinjur tkellem fil-microphone. Iffirma xiex?*
>
> *Xhud: iva, iffirma bħala customer u mhux assurity*
>
> *Avukat: igifiri inti qed taqbel miegħi li hu iffirma bħala kumpanija u mhux bħala assurity*
>
> *Xhud: f'dan il-kuntratt iva"*

**Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti sejra tilqa' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet. Tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu.**

**It-talbiet tal-atturi kontra l-istess Emanuel Micallef personalment ser jiġu miċħuda.**

**<u>Mertu</u>**

It-talbiet tas-soċjeta' attriċi ser jiġu kkunsidrati biss fil-konfront biss tas-soċjeta' JCL.

Huwa paċifiku fl-ewwel lok li n-natura tan-negozju li sar bejn il-partijet, li huwa wkoll manifest u dikjarat fil-ftehim imsemmi, huwa dak ta' *hire and purchase*. Ingħad hekk in materja fil-każ **Hili Investments Limited vs Percius Car Hire Limited deċiż fl-10 ta' Marzu 2011 -**

> *"F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghad-definizzjoni ta' "hire purchase agreement" moghtija fil-kawza "Bonnet vs Azzopardi" (deciza fit-28 ta' Gunju 1922), kif kwotata fis-sentenza "Regina vs Miller" (deciza fit-30 ta' Mejju 2002):*
>
> *"In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid tal-oggett jitrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess tal-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta' tal-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid tal-oggett u l-proprjeta' tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat."*
>
> *(.......)*
>
> *Hire purchase system, kif spjegat il-Qorti fil-kawza "Abela vs Attard" (deciza fit-12 ta' Frar 1957), aktar jixbah lill-bejgh "pactum riservati dominii".*
>
> *"fil-vendita' bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta' tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jivverifika ruhu, jew jghaddi dak iz-zmien, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita' ohra mill-parti tal-kontraenti, jew ta' xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta'.*
>
> *Fil-hire purchase system kif komunement applikata f'dawn il-Gzejjer, il-proprjeta' tghaddi malli jithallas il-prezz minghajr xi tip ta' espressjoni ta' volonta'. Huwa effettivament bejgh "by instalments."*

Huwa paċifiku li fil-ftehim tal-1 ta' Marzu 2019, Emanuel Micallef iffirma u intrabat għan-nom ta' JCL fix-xiri tal-vettura.

Kien Emanuel Micallef stess li fix-xhieda tiegħu ikkonferma x-xiri ta' dawn iż-żewġ vetturi minn JCL. Inoltre, irriżulta wkoll li meta l-vetturi in kwistjoni ma baqax isir ħlas fuqhom, dawn ġew elevati mingħand is-soċjeta' JCL u ttieħdu ġo post ieħor.

Is-soċjeta' attriċi rnexxielha turi li hemm numru konsiderevoli ta' ħlasijiet li kellhom isiru mis-soċjeta' konvenuta u baqgħu ma' sarux kif juru d-dokumenti appożiti preżentati fl-atti. Il-bilanċi msemmija u l-ħlasijiet tal-interessi f'ebda ħin ma ġew kontradetti mis-soċjeta' konvenuta. Ma tressqux provi oħra li jistgħu ixejnu tali pretensjoni.

Il-Qorti m'għandhiex raġuni valida il-għala għandha tiddubita mill-veraċita' tal-figuri elenkati kif murija fl-atti.

Issir referenza għall-klawsoli 6.2 u 6.3 tal-iskritturi in kwistjoni li jirregolaw il-każijiet fejn il-pagamenti bin-nifs ma jibqgħux isiru kif miftiehem. Hemm fihom

stipulat li f'tali ċirkustanzi s-soċjeta' venditriċi jkollha d-dritt li twaqqaf il-faċilita' ta' kreditu u fl-istess waqt li tfittex li tirkupra dak dovut lilha.

Il-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward l-obbligi kuntrattwali jesiġi hekk:

**Artikolu 992**

> *"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
>
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi."*

**Artikolu 993**

> *"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."*

Magħmula l-osservazzjonijiet suesposti, t-talbiet attriċi għandhom jintlaqgħu stante li rriżulta li s-soċjeta' konvenuta kisret it-termini li hija qablet dwarhom flimkien mas-soċjeta' attriċi u għalhekk għandha ġġorr ir-responsabbilta' u l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tagħha.

B'rabta mat-talba għall-imgħaxijiet, issir referenza għall-artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk –

> *"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minndak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

Fiċ-ċirkustanzi, la l-mertu tal-kawża odjerna huwa wieħed ta' natura kummerċjali għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1 tal-artikolu 1141 kif ingħad.

Raġġunti dawn il-konklużjonijiet, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta kif rappreżentata mill-istralċjarja ser jiġu respinti ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż.

Issir in fine referenza għall-każ **No Deposit Cars Malta Limited vs Kevin Alexander Rothig** deċiż fil-31 t'Ottubru 2019 (u llum huwa res judicata) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk –

*"Skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet una volta l-konvenut huwa moruz fil-hlasijiet mensili, is-socjeta' attrici ghandha dritt titlob il-hlas tal-bilanc kollu kif ukoll li tiehu pussess tal-vettura sabiex tinbiegh u r-rikavat jitnaqqas mill-bilanc dovut.*

*Jirrizulta wkoll li l-vettura gia' tinsab fil-pussess tas-socjeta' attrici."*

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Micallef filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-istralċjarja tas-soċjeta' konvenuta;**

3. **Tiċħad l-ewwel talba;**

4. **Tilqa' t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta jhallsu s-somma fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, u tlieta u sittin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€34,063.15) rappreżentanti in kwantu:**

i. **€5,542.50 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 7 sa 23 li huma skaduti u in kwantu ghal €10,345.37 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skont Dokument A u dan wara skrittura ta' *Hire Purchase* datata 3 t'April 2019 dwar il-vettura tat-tip Toyota Ace bin-numru ta' reġistrazzjoni LDF-851 Dokument B hawn anness.**

ii. **€6,945.78 kapital u interessi dovuti fuq il-kambjali 6 sa 24 li huma skaduti u in kwantu għal €11,229.49 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond Dokument C u dan wara skrittura ta' *Hire Purchase* datata 1 ta' Marzu 2019 il-vettura tat-tip Hino bin-numru ta' reġistrazzjoni ACO-895 Dokument D hawn anness.**

5. **L-ispejjeż ikunu a karigu tal-istralċjarja tas-soċjeta' konvenuta flimkien mal-imgħaxijiet ai termini tal-artikolu 1141 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**